# IL-MADMAD TA’ SAN GUZEPP



Seta’ San Guzepp influwenza l-ezempju ta' taghlim ta' Gesù f'Mattew 11:28–30.?

EJJEW NARAW FLIMKIEN U NAQSMU DIN IR-RIFLESSJONI.

Jien u Gesù lghabna flimkien bhala subien fit-toroq ta’ Nazaret. Jien ghogobni nigri lejn il-hanut tal-mastrudaxxa biex nara lil missieru jibni b’sengha kull tip ta’ ghamara mill-injam.

Guzeppi kien imidd idejh ghal kollox. Fost l-ohrajn kien jahdem il-madmad tant mehtieg biex jiggwida lill-barrin fl-ghelieqi. Guzeppi kien jaghmel madmad apposta ghal annimali specifici tal-bdiewa li kienu jikkummissjonaw xoghlu. Guzeppi kien ikejjel l-gholi u l-wisa’ ta’ l-ispallejn sabiex il-madmad jippermettu lill-bhejjem jahdmu komdi flimkien. Taht madmad mibni tajjeb, jistghu jahdmu facilment bhala tim. Nies minn madwar l-inhawi kienu jigu ghand Guzeppi ghall-aqwa madmad.

Dik kienet is-sengha li jien u Gesù rajna bejn il-loghob u xi glied zmien twil ilu.

Jien issa noqghod f'Kafarnahum. Jidher li kollox sejjer hazin ghalija dan l-ahhar. Ghaliex? Il-ligi nhossha bhala piz. Kif nista' nitlob meta kulma nara madwari huma problemi u inkwiet? Bilkemm qed inlahhqu ma' l-ispejjes tal-hajja; kull ma gemmajna tar mar-rih.

Mort ir-rahal biex insib kif nista' nelgheb dan it-tahwid tieghi, u hemm kien il-habib tieghi ta' tfuliti, jippriedka. Waqaft ftit u thallat mal-folla, nisimghu waqt li kien ifahhar lil Missieru.

Huwa tkellem dwar kif Alla kien jahbi l-gherf minn dawk li huma mghallma u ghaqlin u jirrivelah lil erwieh umli.

Gesù ghamel kuntatt mieghi u hares fis f'ghajnejjja, almenu hekk fhimt li kien qed jaghmel. Hassejtni bhallikieku f'daqqa wahda niftakar fil-granet tat-tfulija taghna.

"Ejjew ghandi, intom ilkoll li ghajjenin u qed igorru pizijiet tqal," qal lil migemgha tan-nies quddiemu, "u naghtikom il-mistrieh. Hudu l-madmad tieghi fuqkom, u tghallmu minni."

Ma' dan il-kliem kwazi stajt inxomm is-serratura u nisma' s-*sandpaper* thokk mal-injam hekk kif missieru fis-silenzju igibha fil-forma. F'daqqa wahda ftakart f'omm Gesù diehla fil-hanut tal-mastrudaxxa, iggorr maghha garra ilma u toffrilna nixorbu. Guzeppi kien jieqaf, jimsah l-gharaq ta' wiccu bil-kmiem, u bi mhabba delikata jaghti daqtejn hfief ta'

apprezzament fuq haddejn Marija qabel ma jnizzel l-ilma f'daqqa wahda.

Kien hemm xi haga  specjali dwar din il-familja. Xorta wahda kien difficli ghalija naccetta x-xnighat li kienu qed jiccirkolaw li Gesù kien il-Messija.

Kliemu sammruni fuq il-post. "Ghax il-madmad tieghi huwa helu, u l-piz tieghi hafif," qal Gesù, filwaqt li rega' hares lejja. Kien bhallikieku seta' jara l-glidiet ta' gewwa fija, il-hajja li kienet qed teghlibni.

Ovvjament, Gesù tghallem kif jaghmel madmad minghand missieru. Issa kien qed jippriedka dwar madmad hafif. Jista' il-habib tieghi tat-tfulija verament iwettaq it-thassib tieghi? Seta' tassew ikun il-midluk t'Alla?

Li smajt lil Gesù tani kuragg. Mohhi ftakar kliem li jispira mit-Torah. Iva, Alla jista' jehlisni minn dawn id-diffikultajiet. Hassejt tama mgedda.

Mort ir-rahal infittex soluzzjonijiet temporanji ghal problemi temporali. Wasalt id-dar b'soluzzjoni fit-tul: dipendenza fuq il-providenza ta' Alla.

JIENA NAFDA FIK O ALLA, INT LI MA TONQOS LIL HADD, IMMA TGHANIH BIL-PROVIDENZA TIEGHEK.